# META L-QALB MA TWEGIBX

*Ta'* A. CREMONA

Ix-xemx bid-dawl fietel tagħha wara nofs in-nhar ta' jum xitwi kienet għadha tiddi, bla ebda ħajbur, fuq il-ħdura tal-wieġ ta' taħt il-għolja tal-Imtarfa; u fuq il-ħaxix 'l hawn u 'hinn, kienu għadhom ileqqu bħal dija ta' fosos tal-ħġieġ il-qatriet tax-xita tal-lejl ta' qabel. Mimì, tfajla fuq ruħha, b'par wardiet ħomor ħomor fuq ħaddejha, u bi tbissima fuq fommha, bil-pass jaqbeż ħafif ħafif, milfufa b'*coat* oħxon lewn il-ħamrija, bil-għonq imtalla' minn wara, u b'xalla kaħla tal-ħarir madwar għonqha bit-trufijiet jittajru ma' kull qabża, b'idha l-leminija mqabbda ma' ta' Victor, ħabib ġdid tagħha li saret tafu ewl il-lejl fil-ballu tal-istudenti għeluq is-sena fejn żifnet u baqgħet tiżfen sa ma kien għoddu sebaħ — kienet nieżla mill-mogħdija ta' fuq il-wita tat-Trunċieri tas-swar ta' l-Imdina, lejn dak il-bini battal u ħiemed bis-sigar u ħxejjex madwaru fejn dari n-nies kienet tistenna biex tirkeb fuq il-vagun tal-ferrovija, u fejn dari kont dlonk tisma' t-tisfira tal-makna tal-ferrovija, u bħal kieku jinbaħ kienet toħroġ minn dik il-mina s-sewda tarmi d-duħħan minn imnisfejha.

Kien l-ewwel nofs ta' nhar li fih Mimì ltaqgħet ma' dan iż-żagħżugħ, student tal-liġi, biex toħroġ ħarġa miegħu, iżda għalkemm din kienet l-ewwel laqgħa, l-għada li żifnu flimkien, hekk kif iltaqgħet miegħu fil-ħin li kienu miftehmin taħt is-siġar tal-Ġnien tas-Saqqajja, hija ħasset li bħalkieku kienet ilha tafu x-xhur. Hekk ukoll ħass Victor, għax Mimì kienet tkellmek b'għajnejha u torbtok ma' qalbha. Il-lejl ta' qabel, fil-ballu, kienet lemħet lil Reggie, Fizzjal fl-Artillerija, li qabel ma daħal fir-riġment kien student magħha, u kien ħalla l-kors wara li din kienet telqet l-istudji universitarji biex tat ruħha għall-mużika u għall-kant.

Reggie u Mimì kienu ilhom jafu lil xulxin u minn daqsxejn ta' ħbiberija bejn il-familji ta' xulxin nibtet ukoll bejniethom it-tnejn bħal ġibda lejn xulxin li ikarx kellha minn ħbiberija ta' tfal milli minn imħabba. Iżda f'Reggie dil-ġibda maż-żmien kibset f'ħuġġieġa waħda ta' ġenn lejn is-sieħba ta' tfulitu, u flaħħar fissrilha dak kollu li kien qed iħoss għaliha. Hi tbissmitlu u damet ma wieġbet għal kollox għal imħabbtu: flaħħar qaltlu li hi tħobbu wkoll, u wara li ittamatu b'ħars ħelu u bi kliem ħelu li titbqa' tħobbu, sew sew wara

---

*Nota:* Billi din in-novella, meta dehret f'rivista oħra, kienet nieqsa minn xi motivi fit-trama tagħha, l-Awtur deherlu li tkun ħaġa xierqa li issa, kif riveduta minnu, tkun ippubblikata f'din ir-rivista, taħt titlu ieħor.

xi ġranet li daħal f'darha bħala għarus, Mimì ġennbitu f'daqqa waħda.

Mimì kienet bħal dak il-farfett li fil-ġonna tal-imħabba ma kenitx tħobb idduq minn warda waħda! Reggie f'dak il-ballu tal-lejl ta' qabel, kien lemaħha u qaleb għajnejh bil-moħbi fuqha. Meta raha mdendla dejjem ma' Victor, jew lilha u lilu wħudhom f'xi rokna, hu baqa' waħdu jaħrab lil sħabu f'qiegħ is-sala; ikellmuh u ħsiebu band'oħra.

Mimì, hija u nieżla minn dik il-mogħdija tal-wilġa tal-Imtarfa ta' taħt it-trunċieri dlonk għadda minn quddiem għajnejha dak iż-żmien hekk hieni u sabiħ ta' meta hija u Reggie, kienu jinżlu hemm isfel uħudhom biex jaħarbu minn ħdejn darhom mill-ħarsa ta' nieshom, iżda fil-moħħ fieragħ u fil-qalb bla xaba' ta' Mimì tifkirijiet tal-imgħoddi bħal dawn dlonk kienu jtiru u jgħibu bħal daħna.

Kif waslu taħt is-siġar, Mimì u seħibha fettxew wieħed minn dawk il-ftit bankijiet tal-injam li kienu għadhom ma therrewx bil-qilla tax-xemx u tax-xitwa — u sabuh taħt l-aħħar siġra tal-*ficus* ta' fuq il-bankina tal-mogħdija tal-ferrovija l-qadima. Is-sikta ta' dik il-wilġa battala mill-ħsejjes tal-makni u ta' nies f'dak in-nofs ta' nhar ta' ajru fietel quddiem il-ħdura ta' għelieqi — ukoll battala min-nies tar-raba' — b'xi merħla ta' xi erba' nagħġiet jirgħu u jixxebilku mal-ħitan tas-sejjieħ f'xifer il-wied, f'nofs ta' nhar ta' l-Ewwel tas-Sena, dawk iż-żewġ erwieħ żgħażagħ ħassew ruħhom mifrudin għal kollox mix-xkiel seksieki tad-dinja, u trekknu ma' xulxin.

— X'inhu l-aħjar, illum jew ilbieraħ — illum li aħna wħudna fis-skiet ta' dan ir-raba' jew ilbieraħ fost iż-żfin u d-daqq? — staqsieha bi tbissima Victtor għajnejh ġewwa għajnejha.

— Ilbieraħ kienet l-aħħar ġurnata tas-sena — wieġbet it-tfajla b'nofs tbissima, fil-waqt li mejlet kemm xejn il-ħarsa tagħha fuq ħoġorha bħalkieku ħosbiena — u ż-żfin ta' l-aħħar lejl tas-sena jiena nħobbu wisq iżjed miż-żfin ta' lejliet oħra... għalkemm dak Reggie... b'dawk id-daqqiet ta' ħarsa kerha...

— U għadek toħlom bih? —

— Għadni noħlom bih!... X'waħda din! Kif dejjaqni b'dawk l-għajnejn iħarsu dejjem minn taħt... quddiemi dejjem... kull fejn niċċaqlaq...

— Bżajt minnu? —

— Bżajt minnu!... Ma stennejtux... għallinqas jiena ma xtaqtux, u lanqas ma tajtu xi tama li xtaqtu, jew għamiltlu l-qalb biex jiġi... Jiena kont tlaqtu... ħrabtu u b'għajnejja ma ridtx narah iżjed... Kif kien dejjaqni... kieku taf... bniedem bħal dak... min kien jobsru... min jista' jgħix miegħu...

— Imma, inti ilek tafu... ilek ħbieb miegħu... kont ilek li drajtu...

saħansitra dan l-aħħar kien midħla tad-dar tagħkom...

— Iva, għax hekk riedet il-mamà... ilna nafu lil xulxin... niesu u niesi midħla wkoll ta' xulxin... ilna nafu lil xulxin mindu konna tfal... drajna 'l xulxin...

— U tħobbu lil xulxin.

— Huwa, iva... dan l-aħħar imbagħad... Oh x'ġenn ! Ma kien iridni mmur imkien, ma nkellem lil ħadd... lanqas lill-ħbieb tiegħu; lil studenti sħabu... X'ħajja !... Nittama, Victor, li inti ma tkunx hekk kiefer miegħi, hux tassew ? — U fil-waqt Mimì biddlet il-leħen imqit u ċ-ċiera ħarxa tagħha, u bi tbissima qalbet għajnejha kollha ħniena fuq il-ħarsa daħkana ta' Victor, bdiet tmellislu idu l-leminija li baqgħet f'ħoġorha.

— Għaliex qed tistaqsini ? — wieġeb bi ħlewwa Victor — jaqaw tridni nagħlaq għajnejja ? —

— Iva.

— Għaliex ? —

— Għaliex int la tkun tħobbni għandek tafdani — wieġbet minnufih l-oħra b'għajnejha mwaħħlin f'għajnejn il-ħabib ġdid tagħha b'fommha daħkani, u b'idejha dejjem marbutin ma' idejh.

— Imma mhux din id-drawwa tagħna l-irġiel. Min iħobb igħir u min igħir ma jafdax.

— Imma dak kellu drawwa wisq kerha... wisq wiefra... Kien ried ijassarni... u jien irsira m'iniex. Dak in-nhar li għidtlu li sa nieħu sehem fil-"Geisha" mal-*Amateur Variety Company*, u li jiena sa nagħmilha ta' *Geisha*... oh kif wiċċu tbergħen... kemm ħabbat saqajh... kif telaq bil-herra u sabbat il-bieb tal-kamra ma' wiċċi... Il-mamà sejħitlu u hu baqa' sejjer... L-għada rani sejra lejn il-Belt... waqqafni fuq is-Saqqajja fejn il-*buses*. "Fejn sejra ?" — qalli. Jien dawwart wiċċi u bqajt miexja; huwa nħasad. Kont sejra għall-kunċert. Minn dak in-nhar lil Reggie ma kellimtux iżjed. Lejla waħda sejjaħli l-papà. Il-papà tabib ta' niesu. — "Mimì", qalli "x'għamiltlu lil Reggie, għaliex ma tridx tkellmu ?" — Jien ma weġibtux. "Għadni kif mort rajtu", issokta jgħidli, "dak it-tifel sa taqbdu nevrastenija... u l-ħtija sa tkun inti. Sa toqtol lilu u lil ommu. Mhux hekk, Mimì, aħsibha." U telaqni. Minn dak in-nhar xi swied ta' qalb ! Oh kemm hi ħajja kiefra li jkollok tħobb bilfors... Le, le, Victor, inti tagħdirni, hux tassew ? — Jiena llum l-ewwel darba li għandu jkun li bdejt nara x'jiġifieri mħabba......... U Mimì ħbiet wiċċha bejn idejha fuq id-dahar tal-bank u nfexxet tibki.

— X'inti belha ! Għaliex qed tibki ? — Għidli, Mimì... ...Jekk inti jidhirlek li għandek tagħmel kif jixtieq il-papà tiegħek... jien ma rridx infixkel u nġib il-għawġ... forsi kont tħobbu, forsi għad

tarġa' tħobbu — Infexx igħidilha Victor fil-waqt li fettex iżiegħel biha u jsabbarha.

— Le, le, xejn minn dan kollu... jien nagħli għall-papà... nagħli għall-mamà... għax huma, iva, huma jħobbuh... imma jiena le, jiena le... — wieġbet Mimì b'nifisha maqtugħ wara li qajmet rasha, ħarġet maktur minn basket tal-ġild u ixxuttat id-dmugħ.

—Isa, mela — qalilha Victor, fil-waqt li baqa' jżiegħel biha — kun daħkana bħal qabel... Insa kollox... illum l-Ewwel tas-Sena. U m'għandekx tibdieha bil-biki. Issa għandek liili, hux tassew? — Taħseb f'ħadd iżjed. Issa, darb'oħra, Sibt ieħor, nerġgħu immorru l-ballu flimkien. Aħna l-istudenti dalwaqt ikollna reċta fit-Teatru Manoel; nieħdu sehem flimkien. Sa nagħmlu l-"Boheme" — Inti tagħmilha ta' Mimì u jien tal-Pittur. Sewwa? Isa, mela imsaħ id-dmugħ — U bil-makttur tagħha stess beda jimsħilha l-aħħar żewġ demgħat. — Isa, ħa narak tidħak mill-ġdid. Neħħi dik iċ-ċiera — għamel sebgħu l-werrej fuq xuftejha ta' taħt u kixfilha snienha. Dik tbissmet. Hu ressaq xufftejh ma' fommha, xeħtu idejhom ma' dwar għonq xulxin u tgħannqu għall-ewwel darba.

*
* *

Kif qajmu rashom u fetħu għajnejhom ix-xemx kienet tgħattiet bi sħaba bajda; sħab ieħor jagħti fl-iswed misjuq mir-riħ majjistral kien riesaq ukoll lejn ix-xemx. Id-dawl tan-nofs in-nhar iddennes u dlonok bdiet tinħass xi taqtira xita xxarrab l-art.

— X'waħda din ir-rxix! Kif tħassar in-nofs ta' nhar, kien hekk sabiħ! — infexxet tgħid Mimì.

— Tibżax! — weġibha Victor — nidħlu taħt dik il-mina — Qam minnufih, qabad f'id Mimì u ħabat sa jiġbidha lejn il-mina l-qadima tal-ferrovija. Mimì nġibdet lura, bħal smerret li tmidd il-pass.

— Xi ġralek? — staqsieha Victor.

—Dik il-mina?! X'waħda din!

— Tibża'? — staqsieha bid-daħka Victor.

— Le... le... ma nibżax... imxi mmorru — qabżet qalbu fl-aħħar ftit u xejn mistħija, u biex ma turix li qiegħda tibża' nħallet minn idejh u telqet tiġri l-ewwel waħda biex tistkenn mix-xita li minnufih bdiet traxxax sewwa.

Dik id-daħla tal-mina kienet qisha l-bokka ta' degħbien ta' dlam bla tarf... is-skiet ta' dik id-daħla kien xi ħaġa li għandha minn xi ħabs tar-ruħ tal-bniedem. Mimì tat daqqa għajn lura; dik id-dalma u dak is-skiet fakkruha f'xi ħaġa li tbeżżagħha u trasset ma' Victor.

Dan dawwar idejh ma' qaddha — Mimì — qalilha wara ftit — qed jiġini ħsieb. Għandu jogħġbok. Il-ħin għadu. Nagħmlu ħaġa... Ladarba ma nistgħux nitgħaxxqu bil-ħdura tal-għelieqi, nidħlu ġol-mina, u nibqgħu sejrin sa naslu sat-tarf tagħha, fl-Istazzjon il-qadima tar-Rabat u minn hemm għas-Saqqajja u mbagħad jinwasslek sad-dar.

Mimì baqgħet tirtass miegħu u qalbet għajnejha fuqu... bejn donnha xtaqet u ma xtaqetx — "F'dak id-dlam" — weġbitu "lanqas naraw nimxu" — "Taqtax qalbek" dlonk tennielha Victor — "għandi t-torċa tal-batterija, naraw nimxu qisna bin-nhar." U hekk kif seħibha ċċaqlaq u medd il-pass, b'idejh ix-xellugija mħaddna ma' qaddha u b'idu l-oħra jżomm it-torċa u jdawwal il-mogħdija, hija tħarrket u bdiet tkaxkar il-pass.

Id-dlam iswed ta' dik il-mogħdija kien ilu ma jinkiser minn xi xaqq dawl u l-passi tagħhom fuq art iebsa u ħarxa kienu jidwu ġewwa dak il-vojt b'ħoss imkaxkar bħall ta' żewġ bnedmin għaddejjin bil-moħbi minn xi triq imwarrba fil-qierah ta' lejl xitwi biex itemmu xi serq. Id-dawl ta' fomm il-mina kien ilhom li ħallewh warajhom u issa kienu mexjin fi ċpar iswed minn wara u minn quddiem u d-dija ħierġa bħal żennuna minn ġewwa l-ħġieġa tat-torċa ma kenitx tixħet ħlief bħal strixxa dawl kemm turi l-art li fuqha kienu qed jirfsu r-riġlejn. Victor ħass l-id il-leminija ta' Mimì kiesħa silġ fuq idu li kienet madwar qaddha. Dik l-id ħassha wkoll titriegħed hekk kif wara ftit instama' ċ-ċarċir ta' l-ilma nieżel mill-blat tal-ħitan.

— Għax qiegħda tirtiegħed? — staqsieha.

— Deherli li smajt bħal ħoss — weġbitu Mimì, b'leħen ukoll imriegħed.

— Dan hu ċ-ċarċir tal-ilma nieżel mill-blat — qalilha bil-mod Victor.

— X'waħda din! Dan hu dak il-ħoss li smajt f'widnejja meta darba Reggie kien daħħalni hawnhekk — temtmet Mimì.

— Ma' Reggie?! Hawnhekk... U kont tobogħdu?

— Kienet ix-xita bħal-lum... Iżda hu qarraq bija. Ma kontx naf li hawn dan id-dlam kollu. F'daqqa waħda demmu xegħlbu, sew sew kif smajna dan il-ħoss; waqaf, għafasli idejja t-tnejn ġewwa idejh, ressaq wiċċu ma' wiċċi, u qalli b'leħen maħnuq: "Inti ma tħobbx ħlief lili, hux tassew?" — Jien dak il-ħin f'dik id-dalma, miksura minn dak il-ħoss, u minn dak il-leħen waħxi tiegħu, bil-biża' bdejt inwerżaq, żlaqt minn idejh, u f'dak id-dlam irġajt lura, qisni ruħ mitlufa... nisma' lilu jgħajjat u jsejjaħ: Mimì, Mimì... sakemm wasalt fil-bokka tad-daħla mingħajr nifs. Irġajt lejn dari u lilu ħal-

lejtu ifittixni f'dik id-dalma, u jgħajjat dejjem: Mimì, Mimì!

Victor waqaf jismagħha tgħid b'nifisha maqtugħ. Lanqas ħarrek pass ieħor x'ħin 'il bogħod dehret toqba li tagħti għall-beraħ u nstemgħu bħal ħsejjes ta' roti tqal għaddejjin minn fuq is-saqaf tal-mina. Huwa u Mimì waqfu jissemmgħu. Dawk il-ħsejjes baqgħu jikaxkru u jitmewtu. Ma laħqux meddew pass ieħor x'ħin leħħa minn lewn in-nir daħlet isserrep u taqsam id-dgħabien ta' dik id-dalma u warajha dwiet bħal damdima ta' tfaqqigħa fil-bogħod li riegħdet l-art u mbagħad ħsejjes ta' widien ta' ilma tax-xita.

— X'waħda din! Fejn ġejna?... Infittxu noħorġu minn hawn... Jien qel nibża'... Nisthajjilni dieħla fl-Infern! Nerġgħu lura, Victor; jien ma rridx nimxi iżjed" — bdiet titolbu bir-rogħda fuqha Mimì.

— Issa għoddna wasalna; aħjar hawn inkella barra fil-beraħ. Din taqliba tal-ajru; tgħaddi malajr; ma ndumux ma naslu f'tarf il-mina — weġibha b'leħħa kbira Victor, fil-waqt li għenha titkaxkar b'idejh ix-xellugija mħaddna ma' qaddha.

— Nifsi qtajtu... riġlejja keshu — issoktat tgħid l-oħra b'leħinha maqtugħ.

— Kuraġġ, Mimì... ftakar li għandek lil Victor miegħek... taqtax qalbek, dalwaqt naslu...

— Min jaf il-mamà... min jaf il-papà... Alla jħares jafu fejn ġibtni...

— Għadu ma dalamx... għadu l-ħin... imxi — u Victor erħilu jiġbed u jkaxkar il-ġisem nofsu mejjet tal-maħbuba tiegħu sakemm huwa u hi qorbu lejn il-fetħa ta' tarf il-mina, nifishom maqtugħ u b'rogħda fuqhom bħal dik ta' tnejn li qed jaħarbu xi waħx li kien madwarhom iheddet il-ħajja tagħhom.

Hekk kif waslu f'tarf il-mina u ġew fil-beraħ, l-ajru kien għoddu ssaffa u l-aħħar dija tax-xemx tnemnem kienet turi fis-sema qtajja' ta' sħab nieżel lejn ix-xaqliba tax-xlokk tal-Gżira. Minn ġol-ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi taż-żewġ naħiet tal-mogħdija l-qadima tal-ferrovija kienu neżlin gliegel tal-ilma tax-xita mix-xaba' tal-art, u xi taqtira 'l hawn u 'l hinn kienet għadha tinħass traxxax fl-ajru.

Victor u Mimì ħadu nifs qawwi u ntelqu fuq ġebla kbira mal-ħajt ta' xifer il-fetħa tal-mina b'idejhom imgeddsin ma' ta' xulxin, b'xufftejhom jitriegħdu bil-bard u b'rashom imgħaddsa, jistrieħu hemmhekk bħal żewġt irwieħ herġin mitlufa minn triq imwiegħra li minnha ma setgħux isibu tarf ta' triq li twassalhom dritt bis-sliem lejn darhom.

*
* *

(*Jissokta*)